SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

26 ta' Marzu 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestaturi 3005 u 3824 – Kumpressi u ċinturini li jisħnu waħedhom intiżi sabiex itaffu l-uġigħ – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1140 – Invalidità"

Fil-Kawża C-182/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali), ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Frar 2019, fil-proċedura

Pfizer Consumer Healthcare Ltd

vs

Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn P. G. Xuereb, President tal-Awla, T. von Danwitz u A. Kumin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Pfizer Consumer Healthcare Ltd, minn V. Sloane, QC, L. Catrain González, abogada, E. Wright, barrister, u R. Shiers, solicitor,

– għall-Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs, minn H. Watkinson, barrister, u A. Beegun, solicitor,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brandon, bħala aġent, assistit minn H. Watkinson, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Caeiros u J. Hradil kif ukoll minn M. Salyková, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1140 tat-8 ta' Lulju 2016 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU 2016, L 189, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Pfizer Consumer Healthcare Ltd (iktar 'il quddiem "Pfizer") u l-Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana, ir-Renju Unit, iktar 'il quddiem l-"Amministrazzjoni tat-Taxxa"), rigward il-klassifikazzjoni tariffarja ta' kumpressi u ta' ċinturini li jisħnu waħedhom intiżi sabiex itaffu l-uġigħ.

Il-kuntest ġuridiku

In-Nomenklatura Magħquda

3 In-Nomenklatura Magħquda, stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382) (iktar 'il quddiem in-"NM"), hija bbażata fuq is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta' merkanzija, imfassla milll-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (ODD), u stabbilita permezz tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata, konkluża fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983. Din il-konvenzjoni ġiet approvata, bil-Protokoll ta' Emenda tagħha tal-24 ta' Ġunju 1986, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288).

4 Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-NM, li jinsabu fit-Taqsima A tat-Titolu I tal-Ewwel Parti tagħha, jipprevedu b'mod partikolari:

"Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-[NM] għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titli tat-taqsimiet, kapitli u subkapitli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini tat-titli u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitlu relattiv u, sakemm dawn t-titli jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. […]
   b) Kwalunkwe referenza f'titlu għal materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal taħlit jew kombinazzjonijiet ta' dak il-materjal jew is-sustanza b'materjali jew sustanzi oħra. Kwalunkwe referenza għal oġġetti ta' ċertu materjal jew sustanza għandha titqies li tinkludi referenza għal oġġetti li jikkonsistu totalment jew parzjalment minn materjal jew sustanza bħal din. Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti magħmulin minn iżjed minn materjal jew sustanza waħda għandha ssir skont il-prinċipji ta' regola 3.

3. Meta permezz ta' l-applikazzjoni tar-regola 2(b) jew kwalunkwe raġuni oħra, l-oġġetti jkunu klassifikati *prima facie* f'titlu wieħed jew iżjed, il-klassifikazzjoni għandha ssir kif ġej:
   a) it-titlu li jagħti l-iżjed deskrizzjoni speċifika għandha tkun preferuta għal titli li jagħtu deskrizzjoni iżjed ġenerali. Madanakollu, meta jkun hemm żewġ titli jew iżjed li kull wieħed minnhom jirreferi għal parti waħda mill-materjali jew mis-sustanzi li qegħdin f'oġġetti mħalltin

jew komposti jew għal parti biss mill-oġġetti f'sett imtella' għal bejgħ bl-imnut, dawk t-titli għandhom jitqiesu ugwalment speċifiċi fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, ukoll jekk wieħed minnhom jagħti deskrizzjoni iżjed kompluta jew preċiża ta' l-oġġetti;

b) taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti mtellgħin għal bejgħ bl-imnut, li ma jistgħux ikunu klassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu klassifikati daqs li kieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli;

[…]

6. Għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subtitli ta' titlu għandha tkun deċiża skont it-termini ta' dawk is-subtitli u kwalunkwe noti ta' subtitli relatati u, *mutatis mutandis* skont ir-regoli ta' hawn fuq, skont il-kondizzjoni li subtitli fl-istess livell biss huma komparabbli. Għall-għanijiet ta' din ir-regola t-taqsima relattiva u n-noti tal-kapitlu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor."

5 It-Tieni Parti tan-NM, intitolata "Skeda ta' Dazji tad-Dwana", tinkludi t-Taqsima VI, intitolata hija nnifisha "Prodotti tal-Industrija Kimika jew Dawk Relatati Magħha".

6 Fit-Taqsima VI tan-NM jinstabu, b'mod partikolari, il-Kapitlu 30, intitolat "Prodotti Farmaċewtiċi", kif ukoll il-Kapitlu 38, intitolat "Diversi Prodotti Kimiċi".

7 Il-Kapitlu 30 tan-NM jinkludi l-intestatura 3005, li hija fformulata kif ġej:

"Tajjar, garża, faxex u oġġetti simili (per eżempju, infaxxar, stikk li jeħel, ġbajjar), mimlijin jew miksijin b'sustanzi farmaċewtiċi jew ippreżentati f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut għal għanijiet mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji".

8 Il-Kapitlu 38 tan-NM jinkludi l-intestatura 3824, li hija fformulata kif ġej:

"Materjali li jgħaqqdu ppreparati għal forom jew ċentri ta' funderija; prodotti u preparazzjonijiet kimiċi ta' l-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi band'oħra".

9 L-intestatura 3824 ta' dan il-Kapitlu 30, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1754 tas-6 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 285, p. 1), applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140, kienet tinkludi s-subintestaturi li ġejjin:

[…]	[…]
3824 90	- -Oħrajn:
[…]	[…]
	- -Oħrajn:
[…]	[…]
	- - - Prodotti u preparazzjonijiet għal użi farmaċewtiċi jew kirurġiċi:
[…]	[…]
	- - -Oħrajn:
[…]	[…]
	- - - - Prodotti jew preparazzjonijiet kimiċi, magħmula primarjament minn komposti organiċi, li mhumiex imsemmija jew inklużi band'oħra:
[…]	[…]
3824 90 96	- - - - Oħrajn

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013

10 Skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 287, p. 90, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"):

"1. Għall-applikazzjoni tat-Tariffa Doganali Komuni, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandha tikkonsisti fid-determinazzjoni ta' waħda mis-subintestaturi jew sottodiviżjonijiet ulterjuri tan-Nomenklatura Magħquda li taħtha ser tiġi kklassifikata dik il-merkanzija.

2. Għall-applikazzjoni ta' miżuri mhux tariffarji, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandha tikkonsisti fid-determinazzjoni ta' waħda mis-subintestaturi jew sottodiviżjonijiet ulterjuri tan-Nomenklatura Magħquda, jew ta' kwalunkwe nomenklatura oħra li hi stabbilita mid-provvedimenti tal-Unjoni u li hi għalkollox jew parzjalment ibbażata fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li tipprovdi sottodiviżjonijiet ulterjuri fiha, li taħtha ser tiġi kklassifikata dik il-merkanzija.

[…]

4. Il-Kummissjoni [Ewropea] tista' tadotta miżuri biex tiddetermina l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija skont il-paragrafi 1 u 2."

11 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 58(2) tal-Kodiċi Doganali jipprevedi:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta'-atti ta' implimentazzjoni, il-miżuri msemmija fl-Artikolu 57(4)."

12 L-Artikolu 285(1) ta' da il-kodiċi jispeċifika:

"Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejuna mill-Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali. […]"

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140

13 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 ġie adottat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 57(4), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 58(2) tal-Kodiċi Doganali.

14 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni jipprevedi:

"Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-[NM] taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella."

15 L-anness tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni huwa fformulat kif ġej:

"Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Prodott fil-forma ta' kumpressa li tiswon waħedha biex itaffi l-uġigħ. Il-kumpressa tkun magħmula minn materjal adeżiv maħsub biex jitwaħħal mal-ġilda (l-għonq, il-polz jew l-ispalla). Il-prodott huwa magħmul minn materjal sintetiku ħafif li jadatta ruħu għall-forma tal-ġisem u fih għadd ta' diski li, meta jiġu esposti għall-arja, jiġġeneraw is-sħana. Id-diski fihom trab tal-ħadid, faħam, melħ u ilma. Meta l-pakketti individwali li fihom il-kumpressa jinfetħu u jiġu esposti għall-arja, isseħħ reazzjoni eżotermika.	3824 90 96	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 3824, 3824 90 u 3824 90 96 Id-diski li jinsabu fil-prodott jintużaw bħala sors ta' sħana minħabba r-reazzjoni eżotermika. Dan jagħti lill-prodott il-karatteristika essenzjali ta' preparazzjoni tal-intestatura 3824. Għaldaqstant il-prodott ma jistax jitqies bħala faxex u oġġetti simili tal-intestatura 3005. Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3824 90 96.
2. Prodott fil-forma ta' ċinturin li jiswon waħdu biex itaffi l-uġigħ. Iċ-ċinturin huwa magħmul minn materjal mhux adeżiv, li jitwaħħal permezz ta' strixxa awtoadeżiva. Il-prodott huwa magħmul minn materjal sintetiku ħafif li jadatta ruħu għall-forma tal-ġisem u fih għadd ta' diski li, meta jiġu esposti għall-arja, jiġġeneraw is-sħana. Id-diski fihom trab tal-ħadid, faħam, melħ u ilma. Meta l-pakketti individwali li fihom iċ-ċinturin jinfetħu u jiġu esposti għall-arja, isseħħ reazzjoni eżotermika.	3824 90 96	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 3824, 3824 90 u 3824 90 96. Id-diski li jinsabu fil-prodott jintużaw bħala sors ta' sħana minħabba r-reazzjoni eżotermika. Dan jagħti lill-prodott il-karatteristika essenzjali ta' preparazzjoni tal-intestatura 3824. Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3824 90 96."

Id-Direttiva 93/42/KEE

16 Il-mezzi mediċi li jaqgħu taħt id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 82), kif emendata bid-Direttiva 2007/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 (ĠU 2007, L 247, p. 21) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 93/42"), huma ddefiniti fl-Artikolu 1(2)(a) ta' din id-direttiva b'dawn it-termini:

"'mezz mediku' jfisser kull strument, mezz, għodda, *software*, materjal jew artiklu ieħor, sew jekk użat waħdu jew f'kombinazzjoni, inkluż is-*software* maħsub minn dak li jimmanifatturah biex jintuża speċifikament għal finijiet dijanjostiċi u/jew għal finijiet terapewtiċi u neċessarju għall-applikazzjoni korretta tiegħu maħsuba minn dak li jimmanifattura sabiex jintuża għal finijiet mediċi fuq il-bnedmin għall-fini ta':

– dijanjosi, prevenzjoni, moniturağġ, trattament jew mistrieħ mill-mard,

– dijanjosi, moniturağġ, trattament, mistrieħ minn jew il-kumpens għal ferita jew mankament,

– investigazzjoni, sostituzzjoni jew modifikazzjoni ta' l-anatomija jew ta' proċess fiżjoloġiku,

– il-kontroll tat-tnissil,

u li ma jiksibx l-azzjoni prinċipali li għaliha huwa intenzjonat ġewwa jew fuq il-ġisem uman b'mezzi farmakoliġiċi, immunoloġiċi jew metaboliċi, iżda li jista' jiġi megħjun fil-funzjoni tiegħu minn dawn il-mezzi".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17 Pfizer timporta fir-Renju Unit prodotti li jintużaw darba biss li huma koperti mit-trade mark irreġistrata ThermaCare. Dawn il-prodotti huma ppreżentati u kkummerċjalizzati għal finijiet ta' termoterapija terapewtika, bl-għan li jipprovdu benefiċċji bħall-analġeżija, it-tnaqqis tal-għebusija u l-aċċelerazzjoni tal-fejqan tat-tessuti li jkunu ġarrbu ħsara.

18 Il-linja ta' prodotti tinkludi kumpressi li jsaħħnu li l-biċċa l-kbira tagħhom huma disponibbli f'diversi daqsijiet u maħsuba għal applikazzjoni fuq żona speċifika tal-ġisem. Dawn il-kumpressi huma kollha kemm huma flessibbli, b'tali mod li huma jistgħu jitwaħħlu b'mod sod fuq il-parti rilevanti tal-ġisem, u jibqgħu f'posthom permezz ta' strixxi adeżivi jew bi strixxi awtoadeżivi, skont il-varjant tal-prodott.

19 L-imsemmija kumpressi huma, essenzjalment, magħmula minn tessut li fih ċelloli li jsaħħnu. Dan it-tessut huwa tip ta' tessut sintetiku b'saffi sovrapposti li jżomm iċ-ċelloli li jsaħħnu f'posthom u jipproteġi lill-utent fil-każ ta' nixxija taċ-ċelloli li jsaħħnu. Ċellola li ssaħħan tikkonsisti f'materjal sintetiku permeabbli li jservi ta' ħajt u f'taħlita ta' sustanzi inklużi fih (fosthom trab tal-ħadid, faħam, melħ u ilma).

20 L-istess kumpressi jinbiegħu f'boroż magħluqa. Ladarba jinħarġu mill-borża u jiġu esposti għall-arja, huma jibdew isaħħnu. B'mod iktar speċifiku, reazzjoni eżotermika li tipproduċi s-sħana sseħħ meta t-taħlita ta' sustanzi tiġi esposta għall-arja permezz tal-ħajt permeabbli taċ-ċellola li ssaħħan. Temperatura kostanti ta' 40 gradi Celsius tinżamm għal perijodu ta' 8 sa 12 sigħat, skont il-varjant tal-prodott.

21 Skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali), ir-Renju Unit), bosta studji kliniċi juru li t-termoterapija terapewtika tipproduċi effetti fiżjoloġiċi li għandhom benfiċċji mediċi. Il-vantaġġi terapewtiċi tas-sħana huma

allegatament ikkonfermati mill-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard, id-disa' reviżjoni, modifika klinika (CIM 9 CM), ippubblikata mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). It-termoterapija hija wkoll irrikonoxxuta u rrakkomandata bħala trattament f'diversi linji gwida ppubblikati mill-korpi nazzjonali rrikonoxxuti. Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-prodotti inkwistjoni, dawn huma kklassifikati inkwantu "mezzi mediċi attivi", skont id-Direttiva 93/42 u allegatament ġew approvati u awtorizzati sabiex jibbenefikaw mill-marka KE minn organu nnotifikat.

22 Fl-2012, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ħarġet żewġ dokumenti ta' informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi (iktar 'il quddiem l-"IVT"), li jikklassifikaw, bħall-awtoritajiet doganali Ġermaniżi u Slovakki, ċerti prodotti ThermaCare fl-intestatura 3005 tan-NM.

23 Abbażi ta' dawn l-IVT maħruġa mir-Renju Unit, Pfizer importat, tliet darbiet bejn is-sena 2012 u s-sena 2013, prodotti ThermaCare fi Franza. Waqt spezzjoni rigward dawn l-importazzjonijiet, l-awtoritajiet doganali Franċiżi kkonkludew li dawn il-prodotti kellhom jiġu kklassifikati fl-intestatura 3824 tan-NM u kellha tiġi applikata għalihom rata ta' dazju ta' 6.5 %. Dawn l-awtoritajiet talbu lill-Kummissjoni, fl-2015, sabiex teżamina l-klassifikazzjoni tal-prodotti ThermaCare, u hija għamlet din id-domanda lill-Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

24 Wara deċiżjoni mhux unanima ta' dan il-kumitat, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140. Mill-anness ta' dan tal-aħħar jirriżulta li prodott ippreżentat fil-forma ta' kumpressa li tisħon waħedha intiża sabiex ittaffi l-uġigħ, u magħmula minn materjal adeżiv, jew fil-forma ta' ċinturin li jisħon waħdu intiż sabiex itaffi l-uġigħ, magħmul minn materjal mhux adeżiv, huwa kklassifikat taħt is-subintestatura 3824 90 96 tan-NM.

25 Għaldaqstant, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, b'ittra tat-3 ta' Awwissu 2016, annullat l-IVT li hija kienet ħarġet lil Pfizer fl-2012 u li kienu jikklassifikaw il-prodotti ThermaCare fl-intestatura 3005 tan-NM.

26 B'talba tat-12 ta' Settembru 2017, Pfizer talbet IVT ġdida intiża għall-klassifikazzjoni tal-prodotti ThermaCare fl-intestatura 3005 tan-NM.

27 Fl-10 ta' Novembru 2017, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, billi bbażat ruħha fuq ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140, ħarġet IVT li tikklassifika dawn il-prodotti fl-intestatura 3824 tan-NM.

28 B'rikors ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju fit-8 ta' Diċembru 2017, Pfizer ikkontestat din id-deċiżjoni. Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 huwa invalidu inkwantu huwa jwassal għall-klassifikazzjoni tal-prodotti ThermaCare fl-intestatura 3824 tan-NM.

29 Prinċipalment, Pfizer issostni li l-formulazzjoni tal-intestatura 3005 tan-NM tkopri l-prodotti msemmija mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140. Dawn huma "oġġetti simili" għal tajjar, faxex, stikk li jeħel, u ġbajjar, fis-sens ta' din l-intestatura, sa fejn dawn ikunu maħsuba b'mod li jiġu applikati fuq il-ġilda għal għanijiet mediċi u jkollhom funzjoni simili għal dik tal-ġbajjar, b'mod partikolari fir-rigward tal-funzjoni li jtaffu l-uġigħ. Barra minn hekk, huma ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut.

30 Għaldaqstant, dawn il-prodotti ma jistgħux jiġu kklassifikati fl-intestatura 3824 tan-NM, peress li din tapplika biss għal prodotti "mhux speċifikati jew inklużi band'oħra". Huwa għalhekk b'applikazzjoni tar-regola ġenerali 1 għall-interpretazzjoni tan-NM li l-prodotti ThermaCare għandhom jiġu kklassifikati fl-intestatura 3005. Peress li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 irrestringa, b'mod żbaljat, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-intestatura, il-Kummissjoni allegatament marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha.

31 Barra minn hekk, Pfizer issostni li, sa fejn huwa jafferma li l-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 fl-intestatura 3824 tan-NM saret b'mod konformi mal-applikazzjoni tar-regola ġenerali 1, tar-regola ġenerali 3(b), u tar-regola ġenerali 6 għall-interpretazzjoni tan-NM, dan ir-regolament huwa mmotivat b'mod inadegwat u żbaljat.

32 Peress li qieset bħala serji l-argumenti mressqa minn Pfizer sabiex tikkontesta l-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140, il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali)) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni […] 2016/1140 […] huwa invalidu sa fejn huwa jikklassifika taħt il-Kodiċi NM 3824, u b'mod iktar speċifiku, taħt il-Kodiċi 3824 90 96, prodotti li:

i) huma komposti minn materjal li qisu faxxa, li jinkludi 'ċelloli tas-sħana' b'kimiċi,

ii) jaħdmu b'mod simili għal ġbara, għalkemm jipprovdu iktar benefiċċji,

iii) permezz ta' reazzjoni kimika esotermika jtaffu l-uġiegħ, inaqqsu l-għebusija u jippromwovu l-fejqan tat-tessut (kif ivverifikat f'diversi provi kliniċi),

iv) jitpoġġew f'forom jew f'ippakkjar għal bejgħ bl-imnut, u

v) huma espliċitament ippreżentati u kkummerċjalizzati bħala li għandhom skopijiet mediċi u li jipproduċu l-effetti identifikati fil-punt (iii) iktar 'il fuq,

għar-raġuni li l-materjal jew il-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom huma prodotti kimiċi, minflok jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 3005 (abbażi tal-formulazzjoni tas-subintestaturi, tan-noti tat-taqsima jew tal-kapitoli u tan-noti ta' spjega tar-Regola Ġenerali ta' Interpretazzjoni I applikabbli, għaliex il-loġika tar-Regola Ġenerali ta' Interpretazzjoni 3(a) teżiġi klassifikazzjoni konformement mad-deskrizzjoni l-iktar speċifika, jew fuq kwalunkwe bażi oħra)?"

Fuq id-domanda preliminari

33 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar il-validità tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140.

34 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li l-oġġetti importati minn Pfizer li huma s-suġġett tal-proċedura fil-kawża prinċipali, kif huma deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju, huma identiċi jew mill-inqas suffiċjentement simili għaż-żewġ prodotti msemmija mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140, u li dan tal-aħħar huwa, għalhekk, applikabbli.

35 Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea taw lill-Kummissjoni, li taġixxi b'kooperazzjoni mal-esperti doganali tal-Istati Membri, setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tispeċifika l-kontenut tal-intestaturi tariffarji li huma rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' oġġett speċifiku. Madankollu, is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta miżuri taħt l-Artikolu 57(4) tal-Kodiċi Doganali ma tawtorizzahiex sabiex tibdel il-kontenut u lanqas il-portata tal-intestaturi tariffarji (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Amoena, C-677/18, EU:C:2019:1142, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk, billi għamlet il-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 fis-subintestatura 3824 90 96 tan-NM, u mhux fl-intestatura 3005, il-Kummissjoni biddlitx il-kontenut u l-portata ta' dawn l-intestaturi tariffarji.

37 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-verifika, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-oġġetti għandu, b'mod ġenerali, jitfittex fil-karatteristiċi u fil-proprjetajiet oġġettivi tagħhom, kif iddefiniti mill-kliem tal-intestatura tan-NM u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli (sentenza tat-22 ta' Frar 2018, Kubota (UK) u EP Barrus, C-545/16, EU:C:2018:101, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Barra minn hekk, l-użu intenzjonat tal-prodott jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni sakemm ikun inerenti għall-imsemmi prodott, u l-inerenza għandha tkun tista' tiġi evalwata skont il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi ta' dan (sentenza tat-22 ta' Frar 2018, Kubota (UK) u EP Barrus, C-545/16, EU:C:2018:101, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140, il-prodotti koperti minn dan huma ppreżentati fil-forma ta' kumpressi jew fil-forma ta' ċinturini li jisħnu waħedhom intiżi sabiex itaffu l-uġigħ. Dawn il-kumpressi huma magħmula minn materjal adeżiv li jippermetti li huma jitwaħħlu fuq il-ġilda filwaqt li dawn iċ-ċinturini huma magħmula minn materjal mhux adeżiv li jitwaħħal permezz ta' strixxa awtoadeżiva. Dawn il-prodotti jikkonsistu f'materjal sintetiku flessibbli li jadatta ruħu għall-forma tal-ġisem u li fih ċertu numru ta' diski mimlija bi trab tal-ħadid, faħam, melħ u ilma, li, ladarba esposti għall-arja, jipproduċu s-sħana minħabba reazzjoni eżotermika.

40 Skont il-kliem tal-intestatura 3824 tan-NM, il-prodotti li jaqgħu taħt din l-intestatura huma prodotti "mhux speċifikati jew inklużi band'oħra".

41 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat minn qabel jekk il-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 jaqgħux taħt l-intestatura 3005 tan-NM.

42 L-oġġetti li jaqgħu taħt l-intestatura 3005 tan-NM huma, skont il-formulazzjoni ta' din, "Tajjar, garża, faxex u oġġetti simili (per eżempju, infaxxar, stikk li jeħel, ġbajjar), mimlijin jew miksijin b'sustanzi farmaċewtiċi jew ippreżentati f'forom jew f'pakki għal bejgħ bl-imnut għal għanijiet mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji".

43 F'dan ir-rigward, Pfizer issostni li l-oġġetti inkwistjoni għandhom jitqiesu bħala "oġġetti simili", fis-sens ta' din l-intestatura, ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut għal għanijiet mediċi.

44 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kriterju rigward l-ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut, għandu jiġi osservat li, huwa minnu, fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140, ma jingħata l-ebda dettall rigward l-ippakkjar tal-prodotti koperti minn dan ir-regolament ta' implimentazzjoni.

45 Madankollu, ma huwiex ikkontestat li dawn il-prodotti huma ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut, u dan huwa kkonfermat, barra minn hekk, mill-oriġini ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni.

46 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kunċett ta' "għanijiet mediċi", fis-sens tal-intestatura 3005 tan-NM, dan la huwa ddefinit fin-NM u lanqas fin-noti ta' spjega tagħha.

47 Madankollu, għandu jiġi osservat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi stabbilit jekk prodott huwiex intiż għal għanijiet mediċi, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha tal-każ, sa fejn ikunu kkonċernati karatteristiċi u proprjetajiet inenerti għal dan il-prodott. Fost l-elementi rilevanti, għandu jiġi evalwat l-użu li għalih il-prodott inkwistjoni huwa intenzjonat mill-manifattur, kif ukoll il-modalitajiet u l-post tal-użu ta' dan (ara, b'mod analogu, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, Oliver Medical, C-547/13, EU:C:2015:139, punti 51 u 52). B'mod iktar

partikolari, il-prodott ikkonċernat għandu jkun maħsub b'mod partikolari sabiex jintuża għal tali għanijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Nederlandsch Bevrachtingskantoor, 37/82, EU:C:1982:340, punt 11).

48 Għandu jiġi osservat ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita, it-tifsira u l-portata tal-kliem li ma jingħata ebda definizzjoni fid-dritt Komunitarju għandhom jiġu stabbiliti skont it-tifsira komuni tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintuża u l-għanijiet segwiti permezz tal-leġiżlazzjoni li huwa jagħmel parti minnha (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Kreyenhop & Kluge, C-471/17, EU:C:2018:681, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Għalhekk, sa fejn, minn naħa, l-aġġettiv "mediku" jirreferi għall-kelma "mediċina" u sa fejn, min-naħa l-oħra, din tal-aħħar tista' ġeneralment tinftiehem bħala, b'mod partikolari, ix-xjenza tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni u tat-trattament tal-mard jew tal-feriti, għandu jitqies li oġġett maħsub b'mod partikolari għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni jew għat-trattament tal-mard jew tal-feriti jkopri "għanijiet mediċi", fis-sens tal-intestatura 3005 tan-NM.

50 F'dan il-każ, dan jgħodd għall-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-indikazzjoni tagħhom, li tinsab fl-anness ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, dawn il-prodotti huma intiżi sabiex itaffu l-uġigħ, permezz tas-sħana prodotta permezz ta' reazzjoni eżotermika meta ċ-ċelloli li huma għandhom fihom jiġu esposti għall-arja. Għaldaqstant, din hija forma ta' termoterapija permezz tal-ipertermija, li hija rrikonoxxuta bħala trattament, fid-dawl tal-benefiċċji fiżjoloġiċi li jinħolqu b'dan il-mod.

51 Barra minn hekk, il-fatt li dawn il-prodotti huma kklassifikati inkwantu "mezzi mediċi attivi", skont id-Direttiva 93/42, jikkostitwixxi indizju supplimentari f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, Oliver Medical, C-547/13, EU:C:2015:139, punt 53).

52 Min-naħa l-oħra, xejn ma jindika li l-imsemmija prodotti huma intiżi prinċipalment sabiex jipprovdu titjib estetiku, li jkun jikkostitwixxi indizju li ma humiex intiżi għal għanijiet mediċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, Oliver Medical, C-547/13, EU:C:2015:139, punt 52).

53 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-punt dwar jekk il-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 jistgħux jitqiesu bħala "oġġetti simili" għal "[t]ajjar, garża [jew għal] faxex", fis-sens tal-intestatura 3005 tan-NM, il-Kummissjoni tikkontesta dan billi ssostni li l-għan ġenerali tal-oġġetti li jaqgħu taħt din l-intestatura huwa li jiġu ttrattati l-uġigħ jew il-leżjonijiet, filwaqt li fuq l-oġġetti inkwistjoni nfushom tidher twissija kontra l-applikazzjoni tagħhom fuq il-ġilda sabiex jiġu nfaxxati leżjonijiet, tbenġil jew edema.

54 Din it-teżi ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt, il-fatt li dawn l-oġġetti ma għandhomx jintużaw f'ċerti każijiet ma jippermettix li tiġi mqiegħda f'dubju l-konklużjoni li huma jservu sabiex jiġu ttrattati uġigħ u leżjonijiet.

55 Għaldaqstant, il-prodotti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 jaqgħu taħt l-intestatura 3005 tan-NM u, minħabba f'hekk, kif jirriżulta mill-punt 40 ta' din is-sentenza, ma jistgħux jaqgħu taħt l-intestatura 3824 tan-NM.

56 Għaldaqstant, dawn il-prodotti għandhom jiġu kklassifikati fl-intestatura 3005 tan-NM.

57 Għaldaqstant, billi wettqet il-klassifikazzjoni tariffarja tal-imsemmija prodotti fis-subintestatura 3824 90 96 tan-NM, u mhux fl-intestatura 3005, il-Kummissjoni biddlet il-kontenut ta' dawn l-intestaturi tariffarji u marret lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha permezz tal-Artikolu 57(4) tal-Kodiċi Doganali.

58 Minn dak kollu li ntqal hawn fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2016/1140 huwa invalidu.

Fuq l-ispejjeż

59 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1140 tat-8 ta' Lulju 2016 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, huwa invalidu.

Firem